MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 318/2015

**GO plc**
**C-22334**

**VS**

**Bartolo Kevin**
**ID-130275M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u hamsa u sittin ewro, wiehed u hamsin centezmu (€1,065.51c) in kwantu ghal hames mija u tmien ewro, disgha u disghin centezmu (€508.99c) in konnessjoni ma' servizz ta' televizjoni 1425051185 *account number* 40084046. Mija u disgha u disghin ewro u dsatax-il centezmu (€199.19c) in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija 21806560 *account number* 40091564. Tlett mija, sebgha u hamsin ewro, tlieta u tletin centezmu (€357.33c) in konnessjoni ma' servizz ta' *internet account number* 40128003.

Li interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentatat ta' din il-kawza

It-Tribunal ra d-dokumenti li gew mehmuza ma' l-avviz tat-talba li gew immarkati minn Dok.'A1' sa Dok.'C'.

Il-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta. Madanakollu l-istess konvenut deher ghall-udjenza tallum u 'ddikjara permezz tax-xhieda tieghu bil-gurament tieghu illi l-ammont reklamat f' din il-kawza huwa fil-fatt dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elf u hamsa u sittin ewro, wiehed u hamsin centezmu (€1,065.51c) u dan bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

Il-konvenut iddikjara illi dan l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghandu jithallas permezz ta' pagamenti rateali ta' mitt ewro (€100) fix-xahar u dan sekemm jigi saldat id-debitu fl-intier tieghu. Kwalunkwe bilanc li jkun dovut kemm-il darba l-konvenut jonqos milli jaderixxi ruhu ma' din il-modalita` tal-hlas ikun dovut fl-intier tieghu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------